MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 7(2012), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-Ħamis 16 ta' Awissu 2012, fl-4:00 p.m.

1. **<u>Preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja |
| Kunsilliera | Steven Grech |
| | AngeloMicallef |
| | Stephen Caruana |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall

**Aġenda għal-laqgħa :**

---

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Ħatra ta' Bord ta' l-għażla għal sejħiet MXLC01/2012 u MXLC02/2012
6. Ħruġ ta' sejħa għall-offerti għal xogħol f'Parti minn Xatt is-Sajjieda
7. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
8. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

1. **<u>Qari tal-Minuti</u>**

1.1 Is-Sur Edric Micallef qara il-minuti.

1.2 Is-Sur Edric Micallef qal illi f'para 3.13 wara il-kliem 'Transport Malta' għandu jiżdied il-kliem 'biswit il-latrina pubblika', u l-kliem 'Triq il-Wilġa' fl-aħħar sentenza ta' l-istess para għandu jinbidel mal-kliem 'Xatt is-Sajjieda'. Il-Kunsill unanimament approva dan il-bdil.

1.3 Wara konsiderazzjoni il-Kunsillfuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja unanimament approva il-minuti bħala dokument korrett.

## 2 Arisings mill-Minuti

2.1 Is-Sindku qal illi rigward minuta 5 tal-laqgħa kien hemm xi żviluppi. Fil-fatt fis-27 ta' Lulju 2012 il-bye-laws ġew mibgħuta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali hekk kif approvati mill-Kunsill. Huwa żied illi fil-frattemp xi individwi kienu organizzaw mixja għall-media sabiex tiġi spjegata is-sitwazzjoni tal-kampijiet u l-karavans ġewwa l-lokalita'. Is-Sur Edric Micallef qal illi b'relazzjoni ma' din il-materja, il-Kunsill Lokali kien ħareġ stqarrija għall-istampa u mezzi tax-Xandir. Apparti dan il-Kunsill kien ħa ħsieb jikteb ittra lill-Onor Ministru Jason Azzopardi, liema ittra l-Kunsill Lokali irċieva risposta għaliha u serviet sabiex il-kampijiet u l-caravans jitneħħew minn ġewwa l-lokalita' fi żmien relativament qasir.

2.2 Is-Sindku qal illi rigward minuta 3.6 huwa kien ta' l-opinjoni illi l-Kunsill għandu jitlob lil-Transport Malta tevalwa l-possibilita' illi fi Triq iż-Żejtun jiġu installati tabelli illi jindikaw il-limiti ta' veloċita għas-sewwieqa. Kien hemm qbil illi dan għandu iseħħ

2.3 Is-Sur Edric Micallef informa lill-Kunsilli illi kien hemm xi żviluppi rigward minuta 3.10. Fil-fatt wara li l-Kunsill Lokali kien ħa d-deċiżjonijiet tiegħu hekk kif elenkati fil-minuti kienet saret talba sabiex isiru xi modifiki. Wara li l-Malta Hotels and Restaurants Association kellmet lil Fr.Mario Mangion, kappillan tal-lokalita', dan ta' l-aħħar informa lill-Kunsill Lokali illi ma kien isib ebda oġġezzjoni kemm il-darba uħud mill-istabbilimenti jarmaw l-imwejjed tagħhom b'mod illi ma jfixklux l-attivitajiet tal-festa. Wara li għamel l-evalwazzjonijiet tiegħu, il-Kunsill Lokali kien aċċetta l-proposta li kienet ressqet l-MHRA.

2.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien hemm xi żviluppi rigward minuta 3.22. Wara l-ittra tal-Kunsill Lokali l-Onor. Ministru Jason Azzopardi kien bagħat għal sid l-art in-kwistjoni u kien ingħata bidu għad-diskussjonijiet rigward l-esproprazzjoni ta' l-art ikkonċernata.

2.5 Is-Sur Edric Micallef qal illi xtaq illi jsir arising rigward minuta 3.1 tal-laqgħa. Huwa żied jgħid illi xtaq illi minbarra l-ġurnata tinġibed l-attenzjoni sabiex l-ECO Wardens iżuru Marsaxlokk f'ħinijiet differenti. Dan sabiex ma jingħatax lok illi jindara l-ħin illi matulu ikun hawn l-ECO Wardens ġewwa l-lokalita'.

2.6 Is-Sur Edric Micallef qal illi xtaq illi jelabora rigward minuta 7.1. Huwa qal illi fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill Lokali kellu jagħmilha ċara illi dak kollu illi jintqal fuq in-*network* Soċjali Facebook ma kienx ser jiġi kkunsidrat bħala korrispondenza uffiċjali. Kien hemm qbil dwar dan.

2.7 Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kienx hemm xi żviluppi rigward minuta 8.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minkejja li kienu intbagħtu ittri lill-persuni identifikati il-Kunsill kien għadu ma rċieva ebda risposta. Kien hemm qbil illi l-persuni identifikati għandhom jiġu kkuntattjati permezz tat-telefon.

## 3 Korrispondenza

Inqrat il-Korrispondenza kollha.

3.1 Permezz ta' e-mail datat 7 ta' Awissu 2012, is-Sur Redeemer Gatt f'isem emCare360 Ltd., informa lill-Kunsill Lokali illi l-kumpanija tiegħu kienet lesta illi torganizza laqgħat informattivi għar-residenti tal-lokalita' flimkien ma' dimostrazzjonijiet ta' kif għandu jintuża ċertu apparat illi jgħin sabiex jikkontrolla saħħet min ikollu ċertu mard. Is-Segretarju

Eżekuttiv qal illi huwa kellu laqgħa mas-Sur Gatt li min-naħa tiegħu kien infurnah illi emCare360 Ltd. kienet lesta illi toffri dan kollu mingħajr ebda ħlas. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali għandu jidħol għal din l-inizjativa. Ġie deċiż ukoll illi isir kuntatt ma' l-iskola primarja sabiex kemm il-darba ikun possibbli din ta' l-aħħar tiġi b'xi mod involuta.

3.2 Permezz ta' ittra datata 9 ta' Awissu 2012, is-Sur Karl Borġ, f'isem il-Partit Nazzjonalista informa lill-Kunsill Lokali b'attivita' illi l-istess Partit Nazzjonalista kien qiegħed jippjana illi jtella nhar l-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012 ġewwa Pjazza Madonna ta' Pompei, Marsaxlokk. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali x'kienet tinvolvi l-attivita' ( kienet saret telefonata lis-Sur Borg sabiex tingħata aktar informazzjoni), il-Kunsill unanimament qabel illi ma' kellu jsib ebda oġġezzjoni.

3.3 E-Mail datat 13 ta' Awissu 2012 mingħand il-Perit Audrey Testaferrata de Noto li permezz tiegħu f'isem Transport Malta, il-Kunsill Lokali ġie infurmat illi fi Triq il-Port Ruman kellha terġa' tiġi adottata s-sistema ta' two-way traffic. Dan in-vista ta' petizzjoni li kienet tressqet mir-residenti u li kienet turi biċ-ċar x'kienet ix-xewqa tagħhom. Is-Sindku qal illi filwaqt illi din l-informazzjoni kellha tiġi implimentata minnufih, il-Kunsill Lokali kellu jibgħat e-mail lil Transport Malta li permezz tagħha tintalab deċiżjoni dwar linji sofor li kienu identifikati bħala neċessarji mill-Kunsill Lokali kemm il-darba Triq il-Port Ruman terġa' issir two-ways għall-vetturi. Kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbagħat l-e-mail imsemmija.

3.4 Permezz ta' e-mail datat 8ta' Awissu 2012, is-Sur Aaron Axiaq, f'isem Apex Community Care, informa lill-Kunsill Lokali illi l-kumpanija tiegħu kienet lesta tamministra l-*influenza vacci*ne lir-residenti tal-lokalita' għal spiża ta' €0.50 għal kull vaċċin jew €10 is-siegħa għas-servizz ta' nurse. Kien hemm qbil unanimu illi peress illi l-Kunsill Lokali kellu persuna illi kienet qiegħda twettaq danix-xogħol mingħajr ħlas din l-offerta ma kelliex tiġi miqlugħa

3.5 Ittra datata 25 ta' Lulju 2012 minħand l-Av. Stanley Portelli, Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta, illi permezz tagħha il-Kunsill Lokali ġie infurmat illi t-talba sabiex isir xogħol ta' rikostruzzjoni fi Triq l-Arznell kienet ġiet milqugħa u Transport Malta kienet ser tieħu ħsieb illi jsiru l-istimi tax-xogħol neċessarju sabiex l-istima tiġi sottomessa għall-kunsiderazzjoni fl-allokazzjoni għall-fondi ( ta' Transport Malta) għas-sena 2013.

3.6 Permezz ta' e-mail datat 24 ta' Lulju 2012 is-Sur Mark Żammit, Segretarju ta' l-Assoċjazzjoni bejjiegħa tal-Monti informa lill-Kunsill Lokali bi problemi li kienu qiegħdin jiltaqgħu magħhom il-bejjiegħa tas-suq fil-beraħ li jarma nhar ta' Ħadd. Is-Sur Zammit talab illi ssir laqgħa bejn il-Kunsill u l-Assoċjazzjoni bejjiegħa tal-Monti sabiex ikun jista' jitkompla l-proċess ta' immarkar ta' posti. Kien hemm qbil illi għandha tiġi ffissata laqgħa ma' l-għaqda in-kwistjoni.

3.7 Permezz ta' e-mail datat 9 ta' Awissu 2012, is-Sur Paul Refalo f'isem A.F.S. Ltd. informa lill-Kunsill Lokali illi wara illi ħaddiema ta' l-istess kumpanija żaru Pjazza Madonna ta' Pompei sabiex isir xi xogħol fuq il-funtana li A.F.S. Ltd għamlet fis-sit irriżulta illi xi individwu/i kienu messu il-funtana u għaldaqstant il-funtana ma setgħetx tinxtegħel qabel ma jkun hemm provvista ta' l-ilma adegwata.

3.8 E-Mail datat 10 ta' Awissu 2012 mingħand is-Sur Antoine Galea li permezz tiegħu il-Kunsill ġie infurmat bl-ispejjeż li kien għamel is-Sur Galea meta bil-vettura tiegħu, laqat biċċa konkos li kienet saret illegalment fi Triq tas-Silġ. L-ispiża totali kienet tammonta għal

€448.34. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill Lokali kien qiegħed jipprova jidentifika min kien wettaq l-illegalita'. Kien hemm qbil illi fil-frattemp il-Kunsill Lokali kellu jieħu ħsieb ineħħi l-konkos li sar illegalment permezz tal-ħaddiema li kellu assenjati miegħu.

3.9 Permezz ta' avviż ta' notifika datat 13 ta' Awissu 2012, l-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar tat sittax il-ġurnata ċans lil sidiem ta' karavan/s u strutturi oħra sabiex jiżgumbraw il-bajjiet tal-lokalita'. Is-Sindku qal illi wara illi kien sar sforz kollettiv mill-awtoritajiet kkonċernati il-karavan/s u strutturi oħra kienu ġew imneħħija qabel skada l-avviż ta' notifika.

3.10 Permezz ta' taħrika datata 27 ta' Lulju il-Qrati tal-Ġustizzja infurmaw lill-Kunsill Lokali illi l-Qorti ta' l-Appell kienetr ser tisma' kawża eżistenti bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar nhar il-Ħams 15 ta' Novembru 2012.

3.11 Permezz ta' notifika tal-Qrati tal-Ġustizzja, il-Kunsill Lokali ġie infurmat bi protest ġudizzjarju li kien sar mis-Sur Emanuel Farrugia fi-konfront tas-sid ta' Carrubia restaurant. Is-Sur Emanuel Farrugia kien qiegħed jilmenta illi kawża ta' 'bank' li sid Carrubia restaurant kien qiegħed iħalli fuq il-bankina f'Xatt is-Sajjieda, xi bejjiegħa tas-suq fil-beraħ li jarma nhar ta' Ħadd kien qiegħed ikollhom diffikulta' biex jarmaw il-posta tagħhom.

3.12 Permezz ta' E-mail datat 9 ta' Awissu 2012, is-Sur Karl Engerer stieden lill-Kunsill Lokali għal seminar informattiv rigward, *Youth in Action*, programm li kien jaqa' taħt il-Kappa ta' l-Unjoni Ewropeja u li setgħu jipparteċipaw għalih individwi li l-eta' tagħhom tvarja bejn it-13 u t-30 sena. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jkun irrappreżentat mis-Sindku u mis-Sur Angelo Micallef għas-seminar informattiv.

3.13 Permezz ta' ittra datata 4 ta' Awissu 2012, is-Sur Matthew Bugeja talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jitwaqqaf Sotto-Kumitat għaż-Żgħażagh illi l-għan ewlieni tiegħu ikun illi jagħti l-opportunita' liż-żgħażagħ Xlukkajri isemmgħu leħinhomu jressqu proposti lill-Kunsill Lokali għall-ġid taż-żgħażagħ u tal-lokalita'. Wara diskussjoni libera, li matulha ġew diksussi diversi inizjativi li tali Sotto-Kumitat seta' jwettaq, fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja, issekondata mis-Sur Edric Micallef u li għaddiet b'mod unanimu ġie deċiż illi jitwaqqaf Sotto-Kumitat għaż-żgħażagħ illi għalih, f'isem il-Kunsill Lokali, kellhom ikunu responsabbli il-Kunsillier Angelo Micallef u l-Kunsillier Steven Grech.

3.14 Permezz ta' e-mail datat 23 ta' Lulju 2012, Aġenzija Żgħażagħ infurmat lill-Kunsilli Lokali illi kienet ġiet varata ir-raba' edizzjoni tal-Kunsilli Lokali taż-żgħażagħ. L-istess aġenzija kienet ser tilqa' applikazzjonijiet mill-Kunsilli Lokali sa' mhux aktar tard mit-30 ta' Awissu 2012. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jinforma lil ZAK sabiex kemm il-darba ikun hemm żgħażagħ interessati, il-Kunsill Lokali jidħol għal din l-inizjativa.

3.15 Permezz ta' ittra datata 18 ta' Lulju 2012, il-Kunsill Lokali ġie infurmat mill-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar illi kien ħareġ il-permess għall-applikazzjoni li l-Kunsill lokali kien issottometta sabiex isir *playing field* fi Triq il-Wilġa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għal dan il-għan kien ġie avviċinat il-Perit Marven Ellul sabiex jattendi għas-seduta ħalli jkun jista' jingħata bidu għall-fażi li jmiss sabiex jiġi implimentat il-proġett. Madanakollu is-Sur Ellul ma setax ikun preżenti.

4 **<u>Komunikazzjonijiet tas-Sindku</u>**

4.1 Is-Sur Edric Micallef qal illi huwa kien qiegħed iwettaq xi xogħol rigward is-suq fil-beraħ li jarma nhar ta' Ħadd ġewwa l-lokalita'. Waqt din il-ħidma kien innota illi l-pjanti li l-Kunsill Lokali kellu għal dan is-suq fil-beraħ kienu jaslu minn Triq is-Salvatur sa ħdejn il-Harbour Lights. Is-Sur Micallef żied illi huwa kien ta' l-opinjoni illi kellu jitqabbad *land surveyor* sabiex tkun tista' ssir pjanta aġġornata taż-żona li jokkupa s-suq fil-beraħ. Is-Sur Steven Grech qal illi filwaqt illi kien jaqbel mal-fatt illi l-Kunsill kellu jkollu pjanta aġġornata tas-Suq fil-Beraħ, huwa kien ta' l-opinjoni illi kellu jsir kuntatt mal-Perit Joseph Zerafa Boffa (MRRA) sabiex kemm il-darba ikun possibbli il-pjanta ssir mill-Ministeru tiegħu hekk kif seħħ fil-passat. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi għandha ssir talba lill-MRRA għas-survey kkonċernat.

4.2 Is-Sindku qal illi matul l-aħħar ġranet il-Kunsill Lokali kien qiegħed ikollu problemi ta' elettriku fl-uffiċċju amministrattiv. Fil-fatt kellha tintalab l-għajnuna ta' Enemalta peress li f'qasir żmien kien tar *fuse* tal-Gvern għal tliet darbiet. L-istess Enemalta kienet infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-problema kienet min-naħa tad-dawl tal-Kunsill Lokali. Għal dan il-għan kienu issejħu *electricians* u ġie stabbilit illi l-problemi kienu qiegħdin jinħolqu kawża ta' overload li kien hemm fuq is-sistema tad-dawl. Il-Kunsill Lokali ingħata parir sabiex jibdel is-sistema ta' l-elettriku minn single għal *three phase*. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali għandu japplika sabiex jibda is-sistema ta' l-elettriku għal *tree phase*.

4.3 Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu kien hemm bżonn illi l-Kunsill Lokali jintervjeni sabiex tiġi riżolta kwistjoni ta' *plots* illi jkunu għadhom ma inbnewx u li xi drabi kienu qiegħdin jispiċċaw sit illi fih jintrema l-iskart illegalment. Huwa żied illi kellu kuntat mas-Sur Alex Borg mill-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar illi kien ippropona illi tiġi evalwata l-possibilita' illi jsiru boundary walls mal-plots imsemmija permezz ta' fondi ta' l-Urban Improvement Fund. Meta jinbena l-plot imbagħad l-ispejjeż jiġu rifużi lill-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni libera, li matulha tqajjem fost punti oħra il-fatt illi ġewwa l-lokalita' kien hemm numru ta' plots mhux mibnija, u li kemm il-darba l-boundary walls jinbnew minn fondi tal-UIF l-ammont li kien ser jittieħed mill-UIF kien ser ikun wieħed konsiderevoli, kien unanimament deċiż illi għandu jsir kuntatt mal-pulizija sabiex jiġu identifikati is-sidien ta' l-art u tiġi offruta lilhom il-possibilita' illi jtellgħu il-*boundary wall*.

4.4 Is-Sur Edric Micallef qal illi kien attenda seminar rigward '*Waterfront*', proġett li kien jaqa' taħt il-kappa ta' l-Unjoni Ewropeja u li għalih kien hemm parteċipazzjoni ta' Malta permezz ta' uħud mill-ibliet u rħula li jinstabu mal-kosta. Is-Sur Micallef żied illi matul ix-xahar ta' Awissu kien ser ikun qiegħed jiltaqa' ma' rappreżentanti tal-proġett sabiex jgħaddi informazzjoni dwar Marsaxlokk għall-fini ta' dan il-proġett.

5 **<u>Ħatra ta' Bord ta' l-għażla għal sejħiet MXLC01/2012 u MXLC02/2012</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien jinħtieġ illi jinħatar bord ta' evalwazzjoni għal sejħiet għall-offerti MXLC 01/2012 ( *Cleaning of Area of Sunday Market at Marsaxlokk* )u MXLC02/2012 *( Cleaning and Maintenance of Parks & Gardens )*. Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill Lokali kellu jinvolvi lir-residenti tal-lokalita' fil-proċess ta' l-għażla tal-kuntratturi. Għal dan il-għan kien qiegħed jipproponi illi membri mill-pubbliku jingħażlu sabiex jiffurmaw parti mill-bord ta' evalwazzjoni. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-Kunsill għaldaqstant għadda sabiex jaħtar bord ta' evalwazzjoni għal sejħa għall-offerti MXLC01/2012. Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsilliera kollha kellhom ikunu membri fil-bord ta' evalwazzjoni. Huwa ppropona illi minbarra il-Kunsilliera, is-Sur Angelo Baldacchino wkoll ikun membru fil-bord ta' evalwazzjoni għal din is-sejħa. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Edric Micallef u għaddiet b'mod unanimu. Is-Sur Edric Micallef qal illi mal-membri approvati huwa kien qiegħed jipproponi illi jiżdied is-Sur Charles Mizzi. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u għaddiet b'mod unanimu biex b'hekk is-Sur Mizzi ukoll sar jifforma parti mill-bord ta' evalwazzjoni għal sejħa MXLC01/2012.

Il-Kunsill imbagħad għadda sabiex jaħtar bord ta' evalwazzjoni għal sejħa għall-offerti numru MXLC02/2012. Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi huwa kien ta' l-opinjoni ili dan il-Bord ikun kompost mill-istess individwi li kienu għadhom kif ġew magħżula għal sejħa għall offerti MXLC01/2012. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Edric Micallef u għaddiet b'mod unanimu.

## 6 Ħruġ ta' sejħa għall-offerti għal xogħol f'Parti minn Xatt is-Sajjieda

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-perit Charmaine Cutajar mill-Water Services Corporation kienet għaddiet lill-Kunsill Lokali *bills of quantities* riveduti għal Xatt is-Sajjieda. Min-naħa tiegħu, il-Kunsill Lokali kien ħa ħsieb illi jħejji l-*bills of quantities* għal xogħol li kien ser jitwettaq permezz ta' fondi tal-Kunsill Lokali ġewwa l-istess triq u għaldaqstant setgħet tinħareġ sejħa għall-offerti għax-xogħolijiet kkonċernati. Is-Sur Stephen Caruana staqsa lill-Kunsill jekk is-sejha ghall-offerti kentix ser tkun qieghda tinkludi toroq ohra li l-legislatura precedenti kienet ippjanat illi jsiru bhal Triq iz-Zejtun u Triq il-Wilga. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi minkejja l-fatt illi l-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali ma kenitx wahda mwieghra, kien jinhtieg illi l-Kunsill jaghraf x'kienu l-prijoritajiet. Dan peress illi kien hemm xi inizjativi li kienu ppjanati illi jigu implimentati u li kienu jinvolu infiq kapitali illi naturalment kien ser ikollhom effett fuq il-bilanc finanzjarju tal-istess Kunsill Lokali.

Wara diskussjoni libera, fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja, issekondata mis-Sur Angelo Micallef u li għaddiet b'mod unanimu kien hemm qbil illi għandha tinħareġ sejħa għall-offerti.

## 7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet

Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef u li ġiet issekondata mis-Sur Steven Grech il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 05/12(NC)) li hi annessa ma' u li tifforma parti minn dawn il-Minuti.

## 8. Affarijiet oħra

8.1 Is-Sur Steven Grech qal illi kellu intenzjoni illi jibda jagħmel użu minn ftehim illi kien hemm bejn il-Kunsill Lokali u Marsaxlokk F.C. għall-użu ta' grawnd tal-futbol li kien jappartjeni lil Marsaxlokk F.C. Huwa żied illi kienu saru xi talbiet minn għaqdiet illi xtaqu jużaw il-grawnd. Madanakollu, il-ftehim li kellu l-Kunsill Lokali kien illi l-grawnd jintuża sa mhux aktar tard minn 2 p.m. filwaqt illi t-talbiet kienu sabiex il-grawnd jintuża filgħaxijiet. Is-Sur Angelo Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill Lokali kellu javviċina lill-Kunsill Malti għall-Isports sabiex tintalab għajnuna. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi kellha tiġi evalwata l-possibilita' illi tittella' ġurnata ta' attivitajiet

sportiva illi kellhom jieħdu ħsieb l-organizzazzjoni tagħha, il-Kunsilliera Steven Grech u Angelo Micallef.

8.2 Is-Sindku qal illi kienet saritlu talba sabiex f'parti minn Xatt is-Sajjieda ( quddiem stabbiliment bl-isem 'Skuna', tidjieq il-bankina għaliex apparti illi kienet wiesgħa minghajr użu kienet qiegħda toħloq inkonvenjent lil xi residenti. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi kellha tintbagħat ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex jiġi ċċekkjat jekk kienx hemm xi *land encroachments* fiż-żona kkonċernata. Kemm il-darba ma kien hemm ebda art mikrija lil terzi, il-Kunsill Lokali kellu jikkonsidra illi tidjieq il-bankina.

8.3 Is-Sur Edric Micallef qal illi kien qiegħed jinnota illi *litter bins* li kien hemm matul Xatt is-Sajjieda kien qigeħed ikun fihom kwantita' ta' skart. Huwa żied jgħid illi s-Segretarju Eżekuttiv kien infurmah illi fil-*litter bins* kien qiegħed jintrema skart bħal kaxxi tal-frott eċċetra illi naturalment kienu jimlew l-istess litter bins. Wara diskussjoni qasira li matulha ġew dikussi fost l-oħrajn il-ġranet li matulhom kellu jsir it-tbattil tal-*litter bins* minn kuntrattur u ġranet oħra li matulhom il-*litter bins* kellhom jitnaddfu mill-ħaddiema, kien hemm qbil unanimu illi l-isttess litter bins kellhom jibdew jitbattlu qabel 8:00 a.m.

8.4 Is-Sur Steven Grech qal illi kienet qigħda tinħoloq problema b'pillar box ta' l-elettriku li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda. Huwa żied jgħid illi peress illi l-istess kaxxa kienet qiegħda tintuża minn diversi individwi kellu jiġi kkunsidrat il-fatt illi titwaħħal pillar box oħra. Għal dan il-għan, is-Sur Grech kien ħa ħsieb ikellem lill-kuntrattur li kien wettaq ix-xogħol u kien ġab stima għal pillar box addizzjonali li kienet tammonta għal €5184.60. Kien hemm qbil illi kellha tintbagħat ittra lill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali sabiex tiġi evalwata l-possibilita' illi l-istess ministeru jidħol għal din l-ispiża.

8.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien attenda seminar li kien ittella' mill-MCCAA għall-Kunsilli Lokali. Minbarra li l-istess Kunsilli Lokali ġew infurmati illi kien ser jingħata bidu għal spezzjonijiet ġodda fuq il-playing fields fil-lokalitajiet, ġie mitlub illi kull Kunsill Lokali jappunta kunsillier illi kellu jkun responsabbli mill-playing fields tal-lokalita' tiegħu. Ir-rwol tal-Kunsillier kellu jkun illi jieħu ħsieb illi jwettaq spezzjonijiet regolari fl-istess playing fields u jżomm rapporti tal-manutenzjoni u x-xogħol li l-Kunsill ikun wettaq. Is-Sur Carmelo Bugeja ressaq proposta sabiex is-Sur Edric Micallef jiġi appuntat bħala kunsillier reponsabbli mill-playing fields għal Marsaxlokk. Is-Sur Angelo Micallef issekonda din il-proposta li għaddiet b'mod unanimu.

Il-laqgħa spiċċat fil-6:30p.m. u ġie aġġornata għal

| | |
|---|---|
| **Edric Micallef** | **Duncan Hall** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data :**